MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2007

Numru. 1151/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)**

**Vs**

**Jesmond Vassallo ta' 38 sena, bin Alfred u Emma nee' Miggiani, imwieled Pieta', fil-15 ta' Jannar 1968 u joqghod fil-fond Nru 6, Blokk 3, Entratura C, Triq tas-Salvatur, Il-Kalkara u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 0050368(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Jesmond Vassallo li permezz taghha huwa gie akkuzzat talli:

1. Nhar il-10 ta' Settembru 2006 u fix-xhur ta' qabel dina id-data, iffalsifika att awtentiku jew pubbliku, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz

minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti, skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk il-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom u dana bi ksur ta'l-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fix-xhur ta' qabel u nhar l-10 ta' Settembru 2006, saq vettura ta' l-ghamla Skoda, mudell Favorit, bin-numru tar-registrazzjoni DBA706, minghajr ma kien illicenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji, u b'hekk ma kienx assigurat kontra t-terzi persuni ma' kumpanija ta' l-assigurazzjoni u dana bi ksur ta'l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi nhar il-10 ta' Settembru 2006 u fil-granet u x-xhur ta' qabel ghamel uzu minn vettura fit-triq bi pjanci tan-numri tar-registrazzjoni mhux dawk mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita tad-Dipartiment tal-Licenzji tat-trasport ta' Malta;

4. Akkuzat ukoll talli naqas milli jaghmel it-trasferiment tal-vettura ta'l-ghamla Skoda, mudell Favorit, bin-numru tar-registrazzjoni DBA706 fi zmien sebat ijiem, kif mitlub mill-Ligi;

5. Akkuzat ukoll talli, nhar l-10 ta' Settembru 2006 filwaqt li kien fi triq Ghajn Dwieli, gewwa Rahal il-Gdid, qal fil-pubbliku kliem oxxen u ndicenti u dana bi ksur ta' l-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u dana bi ksur ta' l-artiklu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Kif ukoll akkuzat talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal hatra ta'l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre il-Qorti mitluba ukoll sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet li l-imputat ma ghandux oggezzjoni illi il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda li gew prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti irrizulta illi dina ma hijiex l-ewwel okkazzjoni illi l-imputat uza vettura fuq it-triq minghajr licenzja u/jew assigurazzjoni kif mitlub fil-ligi u dana kif jirrizulta mis-sentenzi esebiti Dokumenti JV8, u JV9. Madanakollu l-imputat ammetta l-akkuzi fi stadju bikri ta' dina l-procedura u jidher illi ikkopera bi shih mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom. Il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni dawna l-fatti meta tigi biex tinfliggi l-piena fuq l-imputat.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta' u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta' l-imputat u wara li rat l-artikoli 17, 28A, 183, 338(bb) u (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 15(1), (1A) u 26 tal-Kapitolu 65, l-artikoli 3(1), (2)(C)(i), (2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Jesmond Vassallo hati ta' l-akkuzi kif dedotti u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' ghoxrin xahar, sospiza ghal zmien sena mil-lum. In oltre il-Qorti qieghda tiskwalifika lill-hati milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum u tordna il-konfiska tal-vettura Skoda mudell favorit bin-nurmu ta' registrazzjoni DBA 706 favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabbilta' tieghu skond il-Ligi jekk huwa

jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lill-hati sabiex fi zmien sitt xhur mil-lum ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dana il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------